**Oġġettivi, Riżultati u Strateġiji**

# AMBJENT

## Tindif tat-Toroq

- **Is-servizz tal-knis fit-toroq residenzjali isir bl-iktar mod effettiv u effiċjenti**
- **Fix-xhur tas-sajf ix-Xatt isir knis addizzjonali peress li din iz-zona tigi ffrekwentata minn numru kbir ta' nies**
- **Isir tindif tajjeb tal-blat speċjalment fix-xhur tas-sajf**
- **Il-Kunsill jipprovdi numru adekwat ta' *litter bins* kemm għal skart organiku kif ukoll għall-iskart ta' l-ippakeġġjar biex tonqos il-problema ta' ħmieġ fit-toroq**
- **Koordinazzjoni mal-Green Wardens biex sidien ta' klieb jikooperaw mal-Kunsill u jnaddfu meta l-kelb iħammeġ f'postijiet pubbliċi**

## Ġbir ta' skart domestiku

- **Il-ġbir ta' skart kemm domestiku isir bl-iktar mod effettiv u effiċċjenti**
- **Isir moniteraġġ biex jinqatgħu l-abbużi ta' boroż li jinħarġu barra qabel il-waqt**
- **Tkompli l-kampanja biex aktar residenti jisseparaw l-iskart domestiku u jagħmlu użu mis-servizz ta' nhar ta' Tlieta u l-Ġimgħa u mill-*bring-in-sites***
- **Tkompli l-ħidma biex is-settur kummerċjali kif ukoll l-uffiċċini jisseperaw l-iskart u anke jipparteċipaw fi skemi apposta għal dan il-għan.**

## Manutenzjoni tas-*soft areas* u s-siġar

- **Ġbir tas-siġar skond il-parir tal-kuntrattur**
- **Tindif regulari tas-*soft areas* u t-*tree boxes***
- **Tisbiħ tas-*soft areas* permezz ta' żriegħ ta' fjuri staġjonali**
- ***Embellishment u landscaping* tas-*soft area*s fi Triq il-Priniċipessa Margerita u fil-junction ta' Triq il-Prinjolata**

**Oġġettivi, Riżultati u Strateġiji**

# IMMANIĠJAR TAT-TRAFFIKU U *PARKING*

## Tabelli u Sinjali tat-Traffiku

- **Manutenzjoni tat-tabelli u sinjali tat-traffiku**
- **Twaħħil ta’ tabelli u sinjali tat-traffiku ġodda kif ikun meħtieġ**
- **Sistema ta’ *traffic management* fi Triq Prinċipessa Margerita kantuniera ma Triq il-Watar**

## *Zebra Crossings*

- **Isiru *zebra crossings* ġodda**

  **fi Triq il-Prinċipessa Margaret (wara li tiġi approvata l-iskema għall-immaniġjar aħjar tat-traffiku f’din it-Triq u t-toroq ta’ madwar)**

  **fix-Xatt ta’ Ta’ Xbiex (wara li jitlestew ix-xogħlijiet ta’ kostruzzjoni fiż-żona)**

  **fi Triq Testaferrata (wara li jitlestew ix-xogħlijiet ta’ kostruzzjoni fiż-żona)**

# TRASPORT PUBBLIKU

## Rotta tal-karozza tal-linja

- **Il-Kunsill ikompli jinsisti mal-Awtoritajiet biex karozza tal-linja mill-Belt tgħaddi minn Triq il-Prinċipessa Margerita (hekk kif kienet tgħaddi l-bus 64) kif ukoll mix-Xatt ta’ Ta’ Xbiex.**
- **Il-Kunsill jinsisti wkoll li jkun hemm servizz regulari matul il-ġurnata għall-isptar Mater Dei**

**Oġġettivi, Riżultati u Strateġiji**

## TRASPORT PUBBLIKU (ikompli…)

### *Bus Shelters*

- **Jitkompla l-proċess biex il-bus shelters kollha li hawn f'Ta' Xbiex jinbidlu u anke jsiru oħrajn ġodda x-Xatt u fi Triq Abate Rigord**

## INFRASTRUTTURA

### Manutenzjoni tal-bankini u toroq

- **Re-surfacing ta' Triq l-Imradd**
- **Patching hekk kif ikun meħtieġ**
- **Program ta' modifikazzjoni ta' bankini biex ikunu aċessibbli**
- **Manutenzjoni tal-bankini kif ikun meħtieġ**
- **Tindif ta' *culverts* tax-xita**

### Dawl tat-Toroq

- **Bozoz ġodda hekk kif ikun meħtieġ**
- **Manutenzjoni tad-dawl tat-toroq**
- **Koordinazzjoni ma' l-Enemalta dwar manutenzjoni tal-bozoz li jinsabu fuq arblu**
- **Bil-koperazzjoni ta' l-Enemalta s-sistema tal-*wiring* (fejn hu possibbli) tgħaddi minn taħt il-bankini**
- **Il-Kunsill japplika għal-fondi speċjail biex jerġgħu jiġu nstallati *decorative lights* fuq ir-Rampa.**

**Oġġettivi, Riżultati u Strateġiji**

# SIGURTA’ U ORDNI PUBBLIKU

## Pulizija

- **Ħidma mill-qrib mal-Pulizija biex tkun imħarsa l-ordni pubblika**
- **Ikomplu l-laqgħat mas-Supt. tal-Pulizija tad-Distrett, mal-*Vice Squad*, mad-*Drug Squad* u mal-*Administrative Law Enforcement* biex tissaħaħ aktar is-sigurta’ fil-Lokalita’**
- **Infurzar tal-Bye-Law dwar “L-Itlajjar fit-toroq”**

## *Local Enforcement System*

- **Ħidma mill-qrib mal-Gwardjani Lokali għall-immaniġġjar tajjeb tat-traffiku u ordni fl-ipparkjar**

# ĦIDMA NAZZJONALI/INTERNAZZJONALI

## Ġemellaġġi

- **Isiru kuntatti mal-Kunsill ta’ Ilioupoli dwar pjan ta’ ħidma li minnha jibbenifikaw iċ-ċittadini ta□-□ew□ Lokalitajiet**

- **Ġemellaġġi Ġodda**

- **Koordinazzjoni mal-Kunsilli Ġirien**

**Oġġettivi, Riżultati u Strateġiji**

# ĦIDMA NAZZJONALI/IZZJONALI

## Programmi tal-Unjoni Ewropea

- **Parteċipazzjoni miż-żgħażagħ tal-Lokalita' fi programmi nazzjonali u internazzjonali**
- **Possibilta' li s-seminar tas-Sindki nisa jiġi organizzat Malta mill-fondi tal-EU**
- **Il-Kunsill jipparteċipa fi programmi tal-EU dwar enerġija alternattiva biex jintlaħaq l-għan li sas-Sena 2020 l-emmisjonijiet jitnaqqsu b'20%**
- **Akkwist ta' fondi mill-EU biex isir studju dwar skemi ta' energy saving**
- **Kuntatt ma' l-Ambaxxati residenti f'Ta' Xbiex u jiġu segwiti b'mod regulari żviluppi internazzjonali**

# ĦIDMA SOĊJALI

## Attivitajiet Edukattivi, Kulturali u Soċjali

- **Jiġu organizzati korsijiet edukattivi f'diversi oqsma biex jissaħħaħ il-kunċett tal-*life long learning***
- **Jiġu organizzati attivitajiet soċjali, kulturali u edukattivi għall-familja kollha**
- **Ħidma biex niffaċilitaw diversi servizzi lill-anzjani u persuni bi bżonnijiet speċjali**
- **Attivitajiet sportivi**
- **Tiġi mwaqqfa assoċjazzjoni komposta mill-persuni li ngħataw "Ġieħ Ta' Xbiex"**

**Oġġettivi, Riżultati u Strateġiji**

# ĦIDMA SOĊJALI (jkompli…)

## Librerija

- Il-Kunsill ikompli jattrezza l-librerija b'aktar kotba anke permezz ta' kotba għal persuni bi bżonnijiet speċjali

## Kommunikazzjoni

- Il-Kunsill ikompli jikkomunika permezz tal-fuljett "It-Tmunier" u informazzjoni elettronika permezz tal-*website* tal-Kunsill u social networks oħra

# PROĠETTI KAPITALI

## Upgrade tal-junction ta' Triq il-Prinjolata u Triq il-Prinċipessa Margerita

- Jitkompla l-proġett bl-installazzjoni ta' sistema ta' *energy saving*, *landscaping* tas-*soft areas*, installazzjoni ta' dawl dekorattiv, rikostruzzjoni tal-bankini taż-żona u manutenzjoni tal-kurduna tas-*soft areas*

## Improvement to property

- Isir xogħol kemm infrastrutturali kif ukoll ta' *soft furnishings* biex l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill jinżamm fi stat tajjeb